Taht Pjataforma Socjali nghelbu l-isfidi - Abela Baldacchino

"ILKOLL FLIMKIEN TAHT PJATTAFORMA SOCJALI NISTGHU NDAWWRU L-ISFIDI TAGHNA F`OPPORTUNITAJIET U NGHADDU MILL-PRINCIPJI GHAL PRATTIKA FAVUR GHEJXIEN TA HAJJA AHJAR." Hekk sostniet Claudette Abela Baldacchino Membru tal-Kumitat tar-Regjuni tal-Unjoni Ewropeja f'laqgha mal-ufficjali tal-Malta Gay Rights Movement fil-Mosta.

Tul il-laqgha Abela Baldacchino pprezentat l-abbozz tar-rapport mhejji minnha kontra kull forma ta' diskriminazzjoni dwar id-direttiva u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropeja liema rapport ghandu jghaddi ghal vot fil-Kummissjoni ghall-Politika Ekonomika u Socjali fi hdan il-Kumitat tar-Regjuni tal-UE f'April li gej.

Abela Baldacchino ziedet tghid li kull persuna ghandha dritt li tghix ahjar u li tigi trattata b'dinjita u ugwaljanza kemm fuq il-post tax-xoghol kif ukoll il-barra minnu.

Huwa ghalhekk li biex nghelbu l-isfidi fost l-ohrajn ta' l-eskluzjoni socjali, tal-faqar u l-pregudizzji rridu nahdmu lkoll flimkien ghal ghan wiehed, dak li kull persuna tkun fil-qofol ta' kull decizjoni li tittiehed biex hekk inharsu u ntejbu b'gustizzja l-livell ta' l-ghexien ta' kulhadd.

Fir-rapport taghha lil Kumitat tar-Regjuni tal-Unjoni Ewropeja Abela Baldacchino jappella ghat-tishih tal-ligijiet, ghal strumenti effettivi u ghal holqien ta' strutturi ahjar biex kull persuna tinghata d-dinjita li jixirqilha.

Abela Baldacchino, sahqet dwar it-twemmin taghha f'Ewropa Socjali fejn in-nies tassew jigu l-ewwel u sostniet li bhal ma qed taghmel mill-Kumitat tar-Regjuni tal-Unjoni Ewropeja hekk ukoll mill-Parlament Ewropew trid tkun il-vuci tal-poplu kollu, inkluz il-minoranzi.